# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru sittin (60) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis 15 ta' Lulju, 2010, fit-6:00pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Derren Busuttil | Segretarju Eżekuttiv |
| | Dorianne Zammit | Uffiċċjal Eżekuttiv |
| SKUŻAT: | Francis Callus | Kunsillier |

1. Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mil-Minuti**

3. Is-Sindku rimarka illi ser issir laqgħa flimkien mas-Sur Alan Camilleri, Chairman tal-Malta Enterprise nhar l-10 ta Awissu fil-11.30am sabiex jiġi diskuss il-proġett ta' Triq il-Karwija.

4. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta rapport ta' kemm il-Kunsill irċieva flus mil-*ground* tal-*football* mill-ewwel tas-sena sa' l-aħħar ta' Ġunju. Hekk kif mitlub mill-Kunsilliera, dawn il-flus ser jiġu depożitati ġo kont separat sabiex dawn il-fondi flimkien mal-flus li jkompli jirċievi l-Kunsill fil-futur, jintużaw biex isir titjib u manutenzjoni fil-*ground* tal-*football*.

5. Is-SE ikkonferma li 95% tas-sistema fotovoltajka ġiet imħallsa (5% titħallas sentejn oħra skond it-termini tat-tender). Intbgħatu wkoll id-dokumenti lid-dipartiment sabiex nirċievu l-allokazzjoni ta' fondi mill-Gvern. Is-Sindku rrimarka li l-pannelli fotovoltajċi qed jipproduċu madwar 11 il-*unit* kuljum.

**Korrispondenza**

6. Il-Kunsill irċieva ittra mingħand persuna li talbet tieħu lura l-flus li hija ħalset sabiex tibgħat lit-tifel tagħha f'waħda mill-attivitajiet tas-sajf organizzati mill-Kunsill. Il-Kunsilliera kollha qablu li l-*policy* tal-Kunsill hija dik li ma jgħatix flus lura għalkemm il-mertu ta' kull talba jibqa jiġi diskuss hekk kif sar f'dan il-każ partikolari.

7. Il-Kunsill irċieva ittra mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigwar l-iskema ta' Finanzjament għar-Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar. Il-Bord ta' Evalwazzjoni informa lil Kunsill li ma ntgħażlitx l-applikazzjoni tiegħu sabiex isir restawr fil-faċċata tal-Ġnien ta' Ball. Is-Sindku rimarka li kien hemm ftit fondi u b'hekk ingħataw lil Kunsilli fejn applikaw għal proġetti żgħar, fil-maġġoranza tagħhom biex isir restawr fuq Slaleb tad-Dejma u niċeċ.

8. Il-Kunsill irċieva ittra mil-MEPA rigward l-applikazzjoni sabiex jitpoġġew il-balavostri fuq iz-zuntier tal-Knisja. Din ġiet diskussa fil-laqgħa tal-Board tal-MEPA il-bieraħ, nhar l-14 ta' Lulju, 2010.

9. Il-Kunsill irċieva ittra minn għand Kumitat ġdid tal-football imwaqqaf f'Ħal Safi, bl-isem ta' Safi FC. Dan il-Kumitat talab l-għajnuna tal-Kunsill sabiex b'kollaborazzjoni insibu post adegwat sabiex isir training liż-żgħażagħ ta' dan il-Klabb kif wkoll fejn jiltaqa. Il-Kunsilliera ddiskutu diversi postijiet u qablu li l-Kunsill għandu jkun lest jgħin lil dan il-Klabb fejn jista.

**Is-Sindku ssospenda il-laqgħa sabiex tidħol is-Sinjura Josette Camilleri mill-Youth Section fi ħdan is-Segretarjat taż-Żgħażagħ u l-Isport.**

10. Is-Sinjura Camilleri spjegat li fit-8 ta' Lulju 2010, is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport l-Onor. Clyde Puli nieda t-tieni edizzjoni tal-proġett Kunsilli Lokali Żgħażagħ. Dan il-Proġett għandu l-għan li jagħti l-opportunita liż-Żgħażagħ li jkunu għalqu l-erbatax u m'għalqux it-tmintax sal-31 ta' Diċembru 2010 biex jieħdu sehem fi djalogu strutturat li permezz tiegħu jiddiskutu temi ta' importanza għal-lokalita rispettiva tagħhom.

    Iż-Żgħażagħ se jiġu mħarrġa biex jgħarrfu kif jopera Kunsill Lokali u x'jinvolvu rwoli differenti fi ħdan il-Kunsill. Jiġu mħarrġa wkoll biex jgħarrfu kif jiġi mfassal pjan ta' ħidma u baġit biex dan kollu jkun sottomess fil-proposta tagħhom li huma jippreżentaw lill-Kumitat ta' l-Għażla. Din il-proposta tista' tkun fost it-tlieta magħżula biex jingħataw fondi ta' €10,000 sabiex tkun tista' tiġi implimentata. Il-fondi jiġu finanzjati b'25% mill-Kunsill u b'75% mill-Gvern. Il-Gvern jofri wkoll youth worker li josserva l-ħidma tal-Kunsill taż-Żgħażagħ.

    L-ewwel fażi hija li l-Kunsill jissottometti l-applikazjoni tiegħu sa l-aħħar ta' Lulju. Wara issir promozzjoni sabiex jibdew jintlaqaw żgħażagħ li jixtiequ jipparteċipaw. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill ta' Ħal Safi jissottometti l-applikazzjoni tiegħu.

**Proġett tal-Misraħ**

11. Is-Sindku ikkonferma li wara diversi kuntatti mal-MEPA, nhar l-14 ta' Lulju (il-bieraħ) ġew il-Periti tal-MEPA sabiex ikejlu u jiċċertifikaw li x-xogħol sar skond il-pjanti. Il-Periti kkonfermaw mas-Sindku fuq il-post li x-xogħol sar kif suppost u ser jgħaddu r-rapport ta' evalwazzjoni lid-dipartiment tal-UIF minnufih sabiex il-Kunsill jiġi mgħoti l-allokazzjoni ta' fondi.

12. Jerome Busuttil rrimarka li partijiet mill-bankina f'Misraħ San Ġużepp ma sarux invellati kif suppost. Dan sabiex jakkomodaw l-użu ta' rampa għal-diversi garaxxijiet. Huwa sostna li dawn il-bankini huma ta' inkonvenjent kbir għal-pedestrijani. Is-Sindku rrimarka wkoll li huwa mar personalment fuq ix-xogħol u qal lil foreman sabiex jaqla partijiet mill-bankini sabiex dawn isiru kif suppost.

**Festival Letterarju fil-Lokalita ta' Ħal Safi**

13. Is-SE ippreżenta l-istedina pubblika tal-Festival Letterarju li ser jitella mill-Kunsill flmkien ma' l-Akkademja tal-Malti kif wkoll ma' VersAgħtini Il-Kelma Maltija (IKM) nhar l-Erbgħa 28 ta' Lulju, 2010 fis-7:00pm fi Ġnien it-13 t'April, Ħal Safi. Il-Kunsilliera qablu li din l-istedina titqassam mal-fuljett tal-Kunsill li jmiss.

**Ħwejjeġ oħra**

14. Jerome Busuttil rrimarka li rċieva telefonata anónima. Il-persuna li ċemplet qalet li fi Triq il-Feniċi hemm tħammil ta' ħamrija u staqsiet jekk dan hux illeġali. Il-Kunsilliera qablu li jmorru fuq il-post għalkemm is-Sindku rrimarka li telefonati bħal dawn għandhom jsiru lil MEPA u mhux lill-Kunsill.

15. Eddie Bonello rrimarka l-problema tat-traffiku li hemm meta tidħol f'Triq il-Karwija minn Triq l-Ibraġ. Huwa qal li din it-triq qeda perikoluża u għanda issir one-way.

16. Is-Sindku ppropona li jsir aktar dawl fi Triq in-Nassaba. Il-Kunsilliera ddiskutew din il-proposta u qablu li jitwaħħlu arbli tad-dawl ġodda f'din it-triq.

17. Is-Sindku rrimarka li fil-pjazza ta' Ġawhar ġew mormija diversi *tyres*. Is-Sindku ppropona li titwaħħal lampa f'dan il-post. Il-Kunsilliera qablu għalkemm Publius Abdilla rimarka li dan id-dawl mhux ser jservi wisq bħala deterrent.

18. Is-Sindku, fuq talba ta' residenti ppropona li jinbidlu ix-*shades* tal-bozoz fi Triq it-Tellerit għaliex dawn sfumaw bix-xemx u mhux qed jgħatu dawl fit-triq. Il-Kunsilliera qablu u Eddie Bonello sostna li għandna nibdew nibdlu mhux biss ta' din it-triq iżda wkoll f'kull triq oħra fir-raħal fejn hemm din il-problema.

19. Is-Sindku qal li l-bankina ta’ Triq id-Dolmen qeda fi stat ħażin ħafna. Is-Sindku ppropona li jsir wiċċ ġdid bil-konkos kif huma dawk tal-madwar. Jerome Busuttil rrimarka biex din issir invellata u mhux rampa ta’ garage.

20. Dorianne Zammit Briffa, li qed tieħu ħsieb skola sajf flimkien mal-Kap ta’ l-iskola talbet lil Kunsill biex issir tinda fl-Iskola Primarja. Il-Kunsilliera iddiskutew l-użu ta’ din it-tinda u qablu li nallokaw l-ħin tal-ħaddiema tal-Kunsill sabiex jagħmlu din it-tinda.

21. Is-Sindku kellu talba oħra mill-Kap ta’ l-Iskola Primarja ta’ Ħal Safi sabiex l-Kunsill jagħmel il-manutenzjoni tal-fire extinguishgers tas-Sala ta’ l-Iskola. Il-Kunsilliera qalbu li nilqaw din it-talba u jsiru flimkien ma dawk tal-Librerija.

22. Is-Sindku rrimarka li bir-riforma l-ġdida s-Segretarju Eżekuttiv irid jkun qed jaħdem fuq bażi *full-time*. Il-Kunsilliera qablu li tintbagħat ittra lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jibdew isiru l-interviews mil-pool ta’ reserva. Jerome Busuttil rrimarka li fl-opinjoni tiegħu b’Segretarju *full-time* ser jkun hawn wisq riżorsi amministrattivi għal Kunsill żgħir. Is-Sindku u is-SE esprimew l-opinjoni tagħhom wkoll fejn qalu li ser jkun hawn biżżejjed xogħol sabiex kulħadd jkun okkupat kemm il-darba x-xogħol tal-Kunsill jibda jitqassam aħjar kif wkoll jsir b’mod iżjed efficjenti.

23. Eddie Bonello rrimarka li qed jkun hawn ħafna ħmieġ tal-klieb fir-raħal. Huwa staqsa s-Sindku hekk hijiex ir-responsabbilita tal-kenniesa tal-Kunsill li jiġbru dan il-ħmieġ għaliex jidher li dan mhux jinġabar. Is-Sindku kkonferma li dan il-ħmieġ għandu jinġabar mil-kenniesa bħal ħmieġ ieħor.

24. Publius Abdilla staqsa hekk il-borża l-ħadra tinġabarx fil-festi. Dorianne Zammit ikkonfermat li din inġabret fl-Imnarja u ser tikkonferma li ser tibqa tinġabar fil-festi meta dawn jaħbtu nhar ta’ tlieta.

25. **Il-Payment Approval** Sheet No. 53 ġiet approvata.

26. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 29 ta’ Lulju, 2010.

27. Il-laqgħa ntemmet fid-9:30pm.

Approvati llum 29/07/2010

Sindku Segretarju Eżekuttiv